**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Mejju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 553/16AL

**A B u b'digriet tas-6 ta' Frar 2016 A B giet sostitwita b'A T**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-kontendenti izzewgu nhar it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa` mija disgha u disghin (1999) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A";
>
> Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta' M B li llum ghandha hmistax (15)-il sena, u KB li ghandha ghaxar (10) snin;
>
> Illi l-partijiet ilhom separati de jure mill-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) b'kuntratt ta' separazzjoni vigenti

bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dr. Henri Darmanin, kopja ta’ liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bhala “Dok. B”;

Illi fl-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali, il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin;

Illi l-partijiet jiddikjaraw illi l-esponent intrabat sabiex ihallas lill-esponenti manteniment fis-somma ta’ hames mitt euro (€500) ghat-tfal minuri – li tinqasam f’mitejn u hamsin euro (€250 ghal kull bint), u dana permezz ta’ *standing order* fil-kont bankarju tal-ghazla tal-mara fl-ahhar gurnata ta’ kull xahar;

Illi l-imsemmi manteniment jibqa` dovut fil-konfront tat-tfal minuri rispettivament sa gheluq sittax (16)-il sena f’kas li jwaqqfu l-istudju u jsibu impjieg full time jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena f’kas li jkomplu bl-istudju taghhom;

Illi dan il-manteniment qieghed jithallas regolarment;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixru hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-ligi u kwindi m’hemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;

Talbet prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2017, jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Settembru 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.